*kien hemm, u iktarx għad hemm, il-għadam ta' Villettes li kien għoġbu jindifen f'dak il-ġnien li hu kien tant jedha fih u żejjen b'siġar u pjanti ornamentali.*

*Il-ġnien li fih nistgħu ngħidu li hemm miġburin il-monumenti ta' nies Maltin magħrufin fl-Istorja għall-merti tagħhom professjonali, amministrativi, politiċi u umanitarji huwa l-Ġnien tal-Mall, il-Furjana. Fih naraw il-bust tal-magħruf Tabib Luigi Pisani, li miet fl-1865, tal-Markiż V. Bugeja, li miet fl-1890, ta' Sir Adrian Dingli, President tal-Qrati Superjuri u Ġurista mill-kbar, li miet fl-1900, tal-Markiż Scicluna, li miet fl-1907. Ma' dawn dan l-aħħar twaqqfu wkoll il-bust ta' G.N. Papaffi, il-Benefattur ta' l-Emigranti, u ta' Sir Ugo Mifsud, wieħed mill-ewwel kapijiet tal-Partit Nazzjonalista fi żmien il-Kostituzzjoni ta' l-1921, li miet, fil-bidu tal-Gwerra l-Kbira (1939-45), jiġġieled għall-ġieh tas-Sudditi Maltin taħt il-Kuruna Ingliża.*

*

* *

*Minn dak li s'issa rajna jidher li l-iktar monumenti li twaqqfu kienu fi żmien il-bidu tal-Gvern Ingliż, u l-iktar għal nies barranin, u waħdiet 'l hawn u 'l hinn għal xi Maltin meta dawn setgħu jkollhom l-isbaħ tifkira monumentali għall-merti tagħhom sew letterarji kemm professjonali.*

*Il-lum jekk nagħtu ħarsa lura ma nistgħux ma nħammrux wiċċna flok il-ġenerazzjoni ta' qabilna għax mal-ħafna monumenti li twaqqfu għal nies barranin, wisq ftit li twaqqfu għal nies Maltin li f'dik l-istess epoka setgħu kellhom xi monument li jfakkar xogħolhom li jagħmel ġieh lid-demm Malti u lill-Gżira. Kien jixraq li ma' dawk il-waħdiet ta' monumenti li twaqqfu għal xi nies Maltin fis-seklu li għadda u l-bidu ta' dan jiżdiedu oħrajn, fosthom nistgħu nsemmu lil Dott. Giuseppe Zammit, li kien l-ewwel Direttur tal-Ġnien Botaniku fil-Foss ta' Sant'Jermu, lil Dr. G.F. Bonamico, lill-Professur Stefano Zerafa, lil Dun Mikiel Xerri, u fost nies li kellhom sehem kbir fil-pulitka ta' Malta mis-seklu li għadda sal-lum, lil Sigismondo Savona, lil Sir Filippo Sceberras, lil Ġorġ Metrovitch, u oħrajn.*

*Mill-banda l-oħra monumenti li s'issa, rajna fil-ġonna pubbliċi għal xi ċittadini Maltini huma ta' nies li fl-Istorja ta' pajjiżna ssemmew għall-merti professjonali, filantropiċi, politiċi, iżda mhux għall-merti oħra li għandhom il-valur tagħhom fil-ġieh u l-prestiġju nazzjonali,*



jiġifieri merti letterarji li fl-istess persuna jiġu li jisbqu lill-merti oħra professjonali, bħalma nsibu fit-tabib Bonamico, li kien lingwista u letterat, Stefano Zerafa u Nikola Zammit, li, barra mill-kwalitajiet professjonali tagħhom ta' tobba, kellhom ukoll xi kwalitajiet oħra li fihom urew l-akbar ħila, fil-wieħed bħala naturalista u fl-ieħor bħala bniedem letterat u arkitett.

Il-monument li m'ilu xejn twaqqaf lil De Soldanis mis-Soċjetà Storika ta' Għawdex fetaħ triq għat-tifkira nazzjonali ta' nies letterati li bil-kitba tagħhom sfaw ta' ġid għall-progress tal-letteratura tal-Pajjiż. Il-Pajjiż li jibqa' ma jagħrafx il-valur spiritwali ta' monument lil ċittadin li bil-kitba tiegħu għamel il-ġid, kabbar u żejjen isem art twelidu, għandu jitqies bħala pajjiż nieqes mis-sens tal-proporzjon fil-valuri spiritwali bħalma s'issa wera ruħu fil-ftit monumenti li s'issa twaqqfu u li m'humiex biżżejjed biex jissimbolleġġaw il-wirt tal-intelligentia Maltija.

A. CREMONA.

—— o ——

## BANDIERA MALTIJA

### Ta' KARMENU ELLUL GALEA

*Waqt it-tlugħ tagħha f'nofs il-lejl ta' bejn il-Ħadd u t-Tnejn, 20-21 ta' Settembru, 1964.*

Ma' nofs il-lejl fis-skiet ta' l-akbar folla
Raitek setgħana f'nofs il-misraħ tagħna
Tifrex ġwenħajk bħal omm fuq l-ulied kollha
U tgħid lill-ġnus: Jien issa wkoll suvrana!

Kemm dhert sabiħa f'dawk id-dwal u d-dija
B'għajnejn kulħadd imsammra fuq ilwienek,
Titlajja f'moħħhom il-ġrajjiet mgħoddija
Li nbnew bix-xogħol, bid-dmugħ u d-demm ta' wliedek.

Bandiera ħelwa! —għelm ta' mħabba u sliema—
Twemmin li xxettel sħiħ f'għeruq iż-żmien!
Il-lum riħek f'idejk, ma tħossx indiema
Li wrejtna t-triq tal-ħaqq u tal-ħelsien!

Tislima ntuk mill-qlub mixgħula mħabba
U nbusu lwienek sbieħ minn ħadd imtabbagħa.